Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0258(COD)

5.6.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-programm "Pericles V"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840
(COM(2025)0462 – C10-0195/2025 – 2025/0258(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Michael McNamara

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-programm "Pericles V"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840
(COM(2025)0462 – C10-0195/2025 – 2025/0258(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0462),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0195/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Novembru 2025[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 12.12.2025 of 12.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/6697/oj.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-protezzjoni b'saħħitha tal-euro kontra l-kontrafazzjoni hija komponent ewlieni ta' ekonomija tal-Unjoni sigura u kompetittiva, u hija marbuta direttament mal-objettiv tal-Unjoni li ttejjeb il-funzjonament effiċjenti tal-unjoni ekonomika u monetarja.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-protezzjoni tal-munita unika Ewropea bħala ġid pubbliku għandha dimensjoni transnazzjonali ċara, u għalhekk il-protezzjoni tal-euro tmur lil hinn mill-interessi u r-responsabbiltà tal-Istati Membri individwali. Meta wieħed iqis iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-euro u l-involviment profond tal-kriminalità organizzata internazzjonali fil-kontrafazzjoni tal-euro, l-oqfsa ta' protezzjoni nazzjonali jenħtieġ li jiġu kkumplimentati b'inizjattiva tal-Unjoni li tiżgura kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali omoġenja, u li tiffaċċja r-riskji transnazzjonali emerġenti possibbli. Għalhekk, billi jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni, dan ir-Regolament huwa meħtieġ, xieraq u adatt biex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm. Jenħtieġ li l-Programm isaħħaħ b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mingħajr ma jirrestringi l-kapaċità tal-Istati Membri	(5) Il-protezzjoni tal-munita unika Ewropea bħala ġid pubbliku għandha dimensjoni transnazzjonali ċara, u għalhekk il-protezzjoni tal-euro tmur lil hinn mill-interessi u r-responsabbiltà tal-Istati Membri individwali. ***Il-flus kontanti tal-euro huma l-uniku mezz ta' pagament aċċessibbli b'mod universali għaċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-aċċess diġitali jew mill-istatus bankarju, u jservu bħala strument kritiku ta' reżiljenza meta tfalli l-infrastruttura tal-pagamenti elettroniċi. L-istatus tal-valuta legali tagħha jiddependi fuq l-integrità tal-munita nnifisha. Il-kontrafazzjoni tolqot direttament dik l-integrità, timponi telf mhux ikkumpensat fuq iċ-ċittadini u n-negozji u tnaqqas il-fiduċja fil-munita unika.*** Meta wieħed iqis iċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-euro u l-involviment profond tal-kriminalità organizzata internazzjonali fil-kontrafazzjoni tal-euro, l-oqfsa ta' protezzjoni nazzjonali jenħtieġ li jiġu kkumplimentati b'inizjattiva tal-Unjoni li tiżgura kooperazzjoni nazzjonali

li jipproteġu l-euro kontra l-kontrafazzjoni. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata billi tgħin b'mod ċar lill-Istati Membri biex kollettivament jipproteġu l-euro u tinkoraġġixxi l-użu ta' strutturi komuni tal-Unjoni sabiex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

u internazzjonali omoġenja, u li tiffaċċja r-riskji transnazzjonali emerġenti possibbli. Għalhekk, billi jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni, dan ir-Regolament huwa meħtieġ, xieraq u adatt biex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm. Jenħtieġ li l-Programm isaħħaħ b'mod effiċjenti l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, mingħajr ma jirrestrinġi l-kapaċità tal-Istati Membri li jipproteġu l-euro kontra l-kontrafazzjoni. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata billi tgħin b'mod ċar lill-Istati Membri biex kollettivament jipproteġu l-euro u tinkoraġġixxi l-użu ta' strutturi komuni tal-Unjoni sabiex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10], ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[11], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[12] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[13], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE)	(9) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[10] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[11], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[12] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[13], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE)

Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.
Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-Programm tibqa' konsistenti u komplementari fir-rigward tal-inizjattivi meħuda minn istituzzjonijiet, aġenziji, korpi u uffiċċji oħra tal-Unjoni, bħall-Bank Ċentrali Ewropew, l-Europol u l-Eurojust, b'mod partikolari fir-rigward tat-twettiq ta' taħriġ u l-għoti ta' informazzjoni dwar karti tal-flus tal-euro kontrafatti meta jiġi implimentat il-Programm.

---

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI:

[10] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj)

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.96, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

[14] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj)

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.96, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

[14] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Minħabba l-hotspots ta' kontrafazzjoni tal-euro identifikati f'pajjiżi terzi u l-kontrafazzjoni tal-euro li qed tieħu dimensjoni dejjem aktar internazzjonali, il-bini tal-kapaċità u l-attivitajiet ta' taħriġ li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-pajjiżi

terzi għandhom jitqiesu essenzjali għall-protezzjoni effettiva tal-euro u għandhom jitħeġġu aktar taħt il-programm Pericles V.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament permezz tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma u fir-rigward tal-emendar tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1a]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
	[1a] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament, li għandhom l-għan li jippromwovu l-iskambji ta' informazzjoni u ta' persunal, l-assistenza teknika u xjentifika u t-taħriġ speċjalizzat jgħinu b'mod sinifikanti biex jipproteġu l-munita unika tal-Unjoni kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni u għalhekk biex jintlaħaq livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, filwaqt li tintwera l-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza l-kriminalità organizzata serja. Sabiex il-Programm jibqa' validu fil-futur, hemm bżonn li jinżamm il-bilanċ bejn it-tipi differenti ta' azzjoni eliġibbli għall-finanzjament, u l-ħtieġa li tinżamm l-attenzjoni tiegħu fuq it-theddid attwali u emerġenti, inklużi karti tal-flus b'disinn mibdul u d-distribuzzjoni ta' kontrafazzjonijiet permezz tal-internet. Jenħtieġ li l-azzjonijiet eliġibbli jkopru wkoll żviluppi futuri potenzjali, bħal theddid potenzjali għall-euro diġitali futur, u theddid potenzjali maħluq mill-intelliġenza artifiċjali u opportunitajiet ta' investigazzjoni offruti minnha. Ix-xiri ta' tagħmir li għandu jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-kontrafazzjoni ta' pajjiżi terzi għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni huwa wkoll vitali biex jipprovdi protezzjoni adegwata tal-euro f'pajjiżi terzi, iżda x-xiri ta' tagħmir jenħtieġ li jkun akkumpanjat ukoll mit-taħriġ meħtieġ għall-użu tiegħu. Għalhekk, għal din it-tip ta' azzjoni, ix-xiri ta' tagħmir jenħtieġ li ma jkunx l-uniku komponent tal-azzjoni.	(12) L-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament, li għandhom l-għan li jippromwovu l-iskambji ta' informazzjoni u ta' persunal, l-assistenza teknika u xjentifika u t-taħriġ speċjalizzat jgħinu b'mod sinifikanti biex jipproteġu l-munita unika tal-Unjoni kontra l-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni u għalhekk biex jintlaħaq livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, filwaqt li tintwera l-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza l-kriminalità organizzata serja. ***Tali azzjonijiet jistgħu jgħinu wkoll biex jindirizzaw l-isfidi komuni u r-rabtiet mal-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata.*** Sabiex il-Programm jibqa' validu fil-futur, hemm bżonn li jinżamm il-bilanċ bejn it-tipi differenti ta' azzjoni eliġibbli għall-finanzjament, u l-ħtieġa li tinżamm l-attenzjoni tiegħu fuq it-theddid attwali u emerġenti, inklużi karti tal-flus b'disinn mibdul u d-distribuzzjoni ta' kontrafazzjonijiet permezz tal-internet. Jenħtieġ li l-azzjonijiet eliġibbli jkopru wkoll żviluppi futuri potenzjali, bħal theddid potenzjali għall-euro diġitali futur, u theddid potenzjali maħluq mill-intelliġenza artifiċjali u opportunitajiet ta' investigazzjoni offruti minnha ***("IA"), bħall-użu tal-IA għall-ġenerazzjoni jew il-manipulazzjoni ta' immaġnijiet kontrafatti, l-evażjoni ta' sistemi awtomatizzati ta' detezzjoni, u t-titjib tal-kapaċitajiet investigattivi u forensiċi***. Ix-xiri ta' tagħmir li għandu jintuża minn awtoritajiet speċjalizzati kontra l-kontrafazzjoni ta' pajjiżi terzi għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni huwa wkoll vitali biex jipprovdi protezzjoni adegwata tal-euro f'pajjiżi terzi, iżda x-xiri ta' tagħmir jenħtieġ li jkun

akkumpanjat ukoll mit-taħriġ meħtieġ għall-użu tiegħu. Għalhekk, għal din it-tip ta' azzjoni, ix-xiri ta' tagħmir jenħtieġ li ma jkunx l-uniku komponent tal-azzjoni.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni (il-programm "Pericles V") ("il-Programm") u jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni ***u theddid potenzjali ieħor*** (il-programm "Pericles V") ("il-Programm") u jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa ***l-prevenzjoni*** u ***l-ġlieda*** kontra l-kontrafazzjoni u ***l-frodi relatata*** mal-kontrafazzjoni ***u biex tiġi ppreservata*** l-integrità tal-euro, u b'hekk ***tissaħħaħ*** il-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fil-ġenwinità tal-euro u għalhekk ***jikkontribwixxu*** biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-euro, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà fiskali u finanzjarja fl-Unjoni u jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro għall-kummerċ, is-servizzi finanzjarji u l-investiment.	L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa ***li jipprevjeni*** u ***jiġġieled*** kontra l-kontrafazzjoni u ***d-delitti relatati*** mal-kontrafazzjoni***, inkluż il-ħasil tal-flus, u jippreserva*** l-integrità tal-euro, u b'hekk ***jippreserva u jsaħħaħ*** il-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fil-ġenwinità tal-euro u għalhekk ***jikkontribwixxi*** biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-euro, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà fiskali u finanzjarja fl-Unjoni u jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro għall-kummerċ, is-servizzi finanzjarji u l-investiment.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-programm għandu l-objettiv speċifiku li jipproteġi l-euro kontra l-kontrafazzjoni u ***l-frodi relatata*** mal-kontrafazzjoni, ***filwaqt li*** jqis ukoll l-iżviluppi ***futuri potenzjali***, ***bħat-theddid potenzjali*** għall-euro diġitali futur***, u t-theddid potenzjali kkawżat mill-intelliġenza artifiċjali*** u l-opportunitajiet ta' investigazzjoni offruti ***minnha***. Dan jagħmlu billi jappoġġa u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, bl-inklużjoni, fejn xieraq, ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.	2. Il-Programm għandu l-objettiv speċifiku li jipproteġi l-euro kontra l-kontrafazzjoni u ***d-delitti relatati*** mal-kontrafazzjoni, ***inkluż il-ħasil tal-flus. Dak l-objettiv speċifiku għandu*** jqis ukoll l-iżviluppi ***emerġenti***, ***inkluż:***
	(a) it-theddid għall-euro diġitali futur***;***
	(b) it-theddid ikkawżat mill-IA inkluż il-falsifikazzjoni ffaċilitata mill-IA u ***l-evażjoni assistita mill-IA tas-sistemi ta' detezzjoni;***
	(c) l-opportunitajiet ta' investigazzjoni offruti ***mill-IA, inkluż l-użu ta' għodod tal-IA biex jissaħħu l-kapaċitajiet forensiċi u investigattivi***.
	Dan jagħmlu billi jappoġġa u jissupplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, bl-inklużjoni, fejn xieraq, ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1)(c) ta' dak ir-Regolament***, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn mal-miżuri rilevanti mwettqa minn entitajiet kompetenti oħrajn, b'mod partikolari l-Bank Ċentrali Ewropew, l-Europol u l-Eurojust***.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta timplimenta azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament taħt il-Programm skont l-Artikolu 9 u l-Anness, il-Kummissjoni għandha tqis l-attivitajiet eżistenti u ppjanati tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-attivitajiet tal-Europol u tal-Eurojust kontra l-kontrafazzjoni tal-euro u delitti relatati mal-kontrafazzjoni, inkluż il-ħasil tal-flus.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji	1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji

tal-eliġibbiltà biex jgħinu fl-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u dawn għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni kollha skont il-Programm.	tal-eliġibbiltà biex jgħinu fl-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u dawn għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni kollha skont il-Programm. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Europol u l-Eurojust għandhom jiġu kkonsultati dwar kwalunkwe azzjoni li tista' tkun eliġibbli għal appoġġ taħt il-Programm skont il-paragrafu 5 qabel l-implimentazzjoni ta' dik l-azzjoni.***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-azzjonijiet li jistgħu jkunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-Programm jinkludu:	***Il-Programm jista' jipprovdi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 9, appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet li ġejjin***:

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) skambji u disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops, laqgħat u seminars, inkluż taħriġ, traineeships immirati u skambji ta' persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u azzjonijiet simili oħra;	(a) skambji u disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar is-suġġetti elenkati fl-Anness, ***il-punt (1),*** b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops, laqgħat u seminars, inkluż taħriġ, traineeships immirati u skambji ta' persunal tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u azzjonijiet simili oħra;

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) assistenza teknika, xjentifika u operazzjonali meħtieġa, kif elenkat fl-Anness;	(b) assistenza teknika, xjentifika u operazzjonali meħtieġa, kif elenkat fl-Anness***, il-punt (2)***;

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a biex temenda l-Anness fir-rigward tas-suġġetti elenkati fl-Anness, il-punt (1), it-tipi ta' assistenza elenkati fl-Anness, il-punt (2), u l-gruppi professjonali eliġibbli elenkati fl-Anness, il-punt (3).

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma ***msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509***.	***1.*** Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-programmi ta' ħidma msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, il-Bank Ċentrali Ewropew, l-Europol u l-Eurojust, u r-rappreżentanti tas-settur privat, qabel ma tadotta programmi ta' ħidma.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu aġġornati regolarment sabiex jitqiesu l-iżviluppi emerġenti speċifikati fl-Artikolu 2(2).

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8(7a) u l-Artikolu 9 għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034.
	3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 8(7a) u l-Artikolu 9 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, kif ukoll rappreżentanti mill-Bank Ċentrali Ewropew, l-Europol u l-Eurojust.
	5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(7a) jew l-Artikolu 9 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika

ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin jogġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9b
	Monitoraġġ u rapportar
	1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-programm Pericles V għall-kisba tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 2 huma stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-"Regolament dwar il-Prestazzjoni"].
	2. Is-sistema tar-rapportar dwar il-prestazzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) …/… [ir-"Regolament dwar il-Prestazzjoni"] għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni u, fejn ikun xieraq, fuq l-Istati Membri.
	3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapporti annwali dwar ir-riżultati tal-programm Pericles V lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew, filwaqt li tqis l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi stabbiliti fir-Regolament (UE) …/… [ir-"Regolament

dwar il-Prestazzjoni"] u għandha tinkludi lista tal-azzjonijiet iffinanzjati, tal-baġits tagħhom, u tal-entitajiet parteċipanti;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-iskambji u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (a), għandhom***, *fost l-oħrajn,*** ikunu mmirati lejn:	(1) L-iskambji u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (a), għandhom ikunu mmirati lejn:

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Anness – punt 1 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– il-protezzjoni tal-euro barra ***l-Unjoni;***	– il-protezzjoni tal-euro barra ***mill-Unjoni, u l-prevenzjoni tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' karti tal-flus u muniti kontrafatti prodotti barra miż-żona tal-euro,***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Anness – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-assistenza teknika, xjentifika u operazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (b), għandha tinkludi ***b'mod partikolari***:	(2) L-assistenza teknika, xjentifika u operazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (b), għandha tinkludi:

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Anness – punt 3 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– esperti tal-munita diġitali u tal-blockchain, speċjalisti taċ-ċibersigurtà u inġiniera tal-IA u tat-tagħlim awtomatiku;

Or. en